# *In-Nar Tal-Art*

Minn Edmund Camilleri

Ħaġa li llum il-ġurnata, lejliet il-festa, kulħadd ikun qed jistenna, hi l-ħruq tan-nar tal-art. Minn sena għal oħra, ġewwa l-Mellieħa, qegħdin naraw xogħol ġdid kważi ta' kull sena. Dan jinkludi xogħol ta' universals, ktajjen u ingranaġġi. Dan kollu qiegħed jgħin sabiex il-livell tal-programm ta' lejliet il-festa jkompli jogħla u nkomplu nagħtu spettaklu lil kull min ikun preżenti.

Sabiex tagħmel raddiena, għandek bżonn gass tal-kulur (aħmar, aħdar, isfar jew blu), funtani tal-porvli u kulur, u niċċa. Il-gass huwa dak in-nar li meta jinħaraq joħroġ dak il-kulur li qisu bozza rqiqa kkulurita. Dan ikun irqiq daqs lapes u twil daqs 10 ċentimetri. Minn dawn jinbarmu u jiġu kkargati mijiet, għax dawn jintużaw ħafna fejn jidħlu d-disinni. Il-gass jiġi kkargat wieħed wieħed b'lenbut u kargira, u wara nimmursjaw quddiem bil-porvli ħalli dan ikun jista' jaqbad.

Bla dubju, ħaġa li hi importanti fin-nar tal-art hi n-niċċa. In-niċċa għandha rwol importanti ħafna għax tista' tagħmillek ħafna ħsara waqt li tkun qiegħda tqabbad il-gass jew il-funtani. Jekk ikollok niċċa b'saħħitha, din tista' tqattagħlek il-gass. Il-gass, kulma jkun qed iżommu hu naqra ta' musmar bil-kolla ma' disinn jew ċirku. Għalhekk bil-veloċità li tkun għaddejja tibda tqaċċat il-gass. Jista' jagħti l-każ, li niċċa tinġibed mill-kapoċċ, u hu hemm, li jinqata' n-nar. Meta jiġri dan, naraw raddiena jew biċċa nar tal-art li ma taqbadx kollha. L-istess meta jkollok niċċa għajjiena, (tinħaraq bil-mod), din tagħmillek ħsara mod ieħor, għax ix-xogħol ma jinħaraqx f'daqqa, u jista' jitqaċċat il-gass għax ikun għadu kkumnikat. F'każ ta' universal, din tibda ddur naħa qabel l-oħra u tista' tinbaram.

Meta niġu għall-funtani tal-porvli, hawn jibda l-uġigħ ta' ras għal min jaħdem in-nar tal-art. Dan minħabba li trid tara l-porvli kemm hu b'saħħtu, ħalli tadatta labra (toqba) għalih. Toqba tkun magħmula minn tafal imsammar fuq quddiem tal-iskartoċċ. Hawn taħt naraw kif tkun magħmula funtana tal-porvli jew kulur. Funtana tal-kulur kulma għanda differenti, huwa li l-iskartoċċ hu eħxen u t-toqba tkun wiesgħa iżjed.

Meta jkollok il-porvli b'saħħtu, il-funtana tmur bomba. Dan minħabba li t-toqba ma tkunx tiflaħ iżżomm dik is-saħħa ta' nar. Bil-kontra, jekk ikollok porvli għażżien, din ma tfaqqax imma tinħaraq normali, u ma jkunx hemm saħħa biex iddawwar ir-raddiena. Is-saħħa tal-funtana, tiġi regolata mit-toqba tat-tafal. Hawn irid ikollok kollox eżatt. Biex ikollok funtana tajba, il-porvli jrid ikun addattat għat-toqba li jkollok.

Meta wieħed jinżel il-pjazza lejliet il-festa, u jara dak ix-xogħol kollu, għandu japprezza kemm xogħol isir matul is-sena, biex wieħed jasal sa dik il-ġurnata. In-nar fih arti kbira u ħsieb. Kollox jibda b'qabda taħżiż u disinni, u wara, pass wara pass, tasal tagħmel biċċa xogħol bħal dik li taraw ippreparata sabiex tagħti gost lil kull min ikun preżenti. Li jkollna nar sabiħ u ta' kwalità tajba, għalina hu sodisfazzjon, ħalli intom tieħdu pjaċir bix-xogħol ippreparat, u nkomplu nsebbħu l-festa ta' Marija Bambina.

